FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 14 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
JOSEPH ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Zahra ta' 47 sena bin Joseph u Anne nee Cutajar, imwieled B'Bugia fis-6 t'April 1953 u joqghod 5, Flat 2, Officers Mess, Hal Far limiti ta' B'Bugia ID Card No 293553M talli fl-1 ta' Jannar 2000 ghal habta ta' xi l-10pm gewwa City Gate Bus Terminus Floriana, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddieho, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-mobile lotto office, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu tal-Public Transport Authority ta' Triq il-Kanun Santa Venera, u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli b'hekk sar ricediv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 1998, fit-3 ta' Gunju 1976 u fis-17 ta' Gunju 1982.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325(b), 49 u 50 tal-kap 9, Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur u bil-kondizzjoni li jhallas Lm60.38 fi zmien sena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.